MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Avviz Numru. 121/2010

**Mario Debono (ID 385366) f'ismu propjru u ghan-nom tas-socjeta
Alpha Farma Limited (C 35538)
vs
Josef Caruana (ID 150573M)**

Illum 30 ta' Settembru 2013

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat mir-rikorrent fid-9 ta' April 2010 fejn huwa talab lill-Qorti tiddikjara il-kontenut ta' artikolu intitolat 'L-akkuzi fil-konfront tal-Vici-President tal-GRTU dwar importazzjoni ta' medicini foloz investigat u ha kuntratt ta' €114,615" ippubblikat fil-harga tal-Orizzont tat 8 ta' April 2010 kien libelluz u malafamanti kemm fil-konfront tieghu kif ukoll fil-konfront tal-kumpannija illi fiha huwa ghandu sehem.

Rat ir-risposta tal-intimat ippresentat fl-1 ta' Gunju 2010 fejn eccepixxa illi l-artikolu zamm lill-qarreja, b'mod fidili,

mgharrfa b'affarjiet kurrenti u ta' interess pubbliku u ma sar bl-ebda animus injurjandi versu l-atturi kif ukoll illi dak rapportat huwa value judgment li fih il-kummenti ghandhom jitqiesu bhala 'fair comment' fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, liema kummenti huma accettabli f'socjeta' demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Rat ix-xhieda ta' **Mario Debono** moghtija fis 16 ta' Gunju 2010

Rat illi fit 23 ta' Novembru ir-rikorrent iddikjara il-provi tieghu bhala maghluqa.

Rat l-affvdait ta' **Owen Galea**, li kien il-gurnalist li investiga u kiteb l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, ippresentat fit 8 ta' Marzu 2011 flimkien mad-dokumentazzjoni ampja minnu esebita in sosten tal-argumenti tieghu.

Semghet il-kontro ezami ta' Mario Debono illi sar fit 30 ta' Jannar 2012.

Semghet ix-xhieda limitata tal-**Ispettur Antonovic Muscat** mogtija fis 26 ta' Marzu 2012, li huwa l-Puluzija illi qieghed imexxi l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent u li dwaru l-istess rikorrenti oggezzjona illi jixhed peress illi l-proceduri kienu ghadhom pendenti.

Rat illi, wara diversi tentattivi da parte tal-intimat sabiex jissospendi t-tkomplija tal-kawza sakemm tigi deciza l-kawza kriminali kontra r-rikorrent, fid-19 ta' Ottubru 2012 iddikjara illi ma kellux aktar  provi x'jippresenta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippresentat fl-14 ta' Dicembru 2012 u dik tal-intimat ippresentat fl-24 ta' Mejju 2013.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna artikolu ippubblikat fuq il-faccata tal-gazzetta l-Orizzont tal-Hamis, 8 ta' April 2010, fejn, bi kliem zghar hemm miktub "**L-akkuzi fil-konfront tal-Vici-President tal-GRTU dwar importazzjoni ta' medici foloz**", imbghad bi kliem kbar hemm miktub "**INVESTIGAT U HA KUNTRATT TA' €114,615"**, u tahtu hemm ritratt tar-rikorrent donnu qieghed jahseb fuq xi haga u l-artikolu ta' Owen Galea.

Illi, bhala fatti, jidher illi r-rikorrent, fil-kapacita' personali tieghu bhala direttur tal-kumpannija Alpha Farma Limited, flimkien ma' zewgt diretturi ohra, kien tressaq il-Qorti b'akkuzi kriminali li kienu jinkludu il-falsifikazjoni kif ukoll l-importazzjoni u manifattura illegali ta' medicini f'Malta. Jidher ukoll illi l-istess kumpannija kienet rebhet tender ta' provvista ta' medicini ghad-Divizjoni tas-Sahha u dana billi offriet l-aktar prezz baxx. Finalment, jirrizulta ukoll illi r-rikorrenti huwa il-Vici President tal-GRTU.

Illi, fix-xhieda tieghu, Debono stqarr illi huwa hassu malafamat b'dak illi kien inkiteb, l-ewwel u qabel kollox, peress illi l-artikolu jaghti x'jifhem li kien hu li rebah it-tender filwaqt illi attwalment kienet is-socjeta Alpha Farma Limited, li taghha huwa kien direttur, li attwalment rebhet tali tender.

Huwa lmenta wkoll li l-artikolu jghid li d-Direttur tal-Kuntratti kien qed jiffukaw fuq prodotti medicinali inferjuri, peress illi s-socjeta tar-rikorrenti toffri prodotti li jsejhulhom 'generics', fis-sens illi ma jkunux tad-ditta izda jkunu kopji taghhom. Huwa stqarr li kien qed jigi attakkat ghax l-offerta tas-socjeta tieghu kienet l-aktar wahda baxxa.

Huwa hassu malafamat ukoll mill-fatt li gie deskritt bhala "nazzjonalist ahrax"  meta huwa stqarr illi lill-gurnalist qatt ma kellmu u ma jafx minn fejn seta gab tali informazzjoni li ddeskritiu bhala tali.

Fl-ahhar nett, ir-rikorrent hassu malafamat ghal fatt illi l-intimat irrapporta informazzjoni professjonali tieghu illi kienet fuq kont li huwa kellu mal-web site 'Linkedin', liema

informazzjoni, skond ir-rikorrent, hija accessibbli biss bi hlas u li l-intimat uza tali informazzjoni sabiex inaqqas il-gieh tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi, in difiza ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, l-intimat ipproduca bhala xhud lill Owen Galea, illi kien il-gurnalist illi investiga u kiteb l-artikolu meritu tal-kawza odjerna. Fix-xhieda tieghu, Galea jitsqarr illi r-rikorrenti huwa Vici President tal-GRTU fejn jirrappresenta s-settur farmacewtiku filwaqt illi huwa ukoll direttur ta' diversi kumpanniji, fosthom Alpha Farma Limited.

Huwa jghid ukoll li fis-6 ta' April 2010 ir-rikorrent, flimkien ma' zewgt diretturi ohra, tressqu il-Qorti b'akkuzi kriminali relatati ma' falsifikar u uzu ta' materjal mhux awtorizzat relatat mal-medicina Plavix, manifattura u bejgh ta' l-istess medicina kontrafatta gewwa l-Ingilterra b'mod illegali u importazzjoni u manifattura ta' medicini f'Malta minghajr il-licenzji mehtiega. Ta' dan l-intimat ippresenta kopja ta' l-akkuzi.

Huwa jghid wkoll illi fil-11 ta' Novembru 2009, meta il-kumpannija tar-rikorrent kienet qieghda twettaq allegatament tali reati, hija inghatat tender tal-Gvern ghax-xiri ta' medicina bl-isem ta' Ranitidine, li kellha valur ta' €114,615, liema offerta kienet l-irhas fost is-sitt offerti illi kien hemm, li sahansitra kienu jinkludu offerta ta' €848,997.

L-intimat imbghad jaghmel referenza ghal fatt illi, fis 27 ta' Frar 2009, fuq is-sit elettroniku '*Running Commentary*', immexxi minn Daphne Caruana Galizia, huwa kiteb artikolu twil u, fost l-affarjiet li qal, qal is-segwenti: "*I have every right to say this because I am a Nationalist from the beginning of my existence and my father's existence and his father before him. We are no Strickland turncoats*". Apparti minn hekk, l-intimat jaghmel referenza ghal artikolu illi deher fuq il-gazzetta '**Maltatoday**' fil 15 ta'

Awissu 2007 fejn l-istess gazzetta irrapportat li r-rikorrent kien instab hati talli baghat emails offensivi u ta' mibgheda kbira lill Dr Joseph Muscat u irrapportat tali kaz hekk: "*In vitriolic emails sent to Muscat, debono - who describes himself to his friends as a 'diehard Nationalist' - refers to the MEP (Joseph Muscat) as 'Goebbels', former Foreign Minister George Vella as a 'birdbrain' (pig sty(, Labour commentator MAnwel Cuschieri as 'maqjel' and (then) labour leader Alfred Sant as a 'mental masturbator'*.

Finalment, l-intimat jaghmel referenza ghal kawza ta' libell ohra illi l-kumpannija tieghu Alpha Farma Limited kienet ghamlet kontra Felix Agius, l-editur tal-KullHadd, ftit taz-zmien qabel, fejn is-socjeta tar-rikorrenti kienet ghamlet storja dwarha relatati ma' medicini intitolat "**Fil-Grecja 75c, f'Malta Lm2.65**", liema libell kien gie michud peress illi l-Qorti stqarret li tali gurnalizmu kien wiehed investigattiv illi wera lill pubbliku li kien qieghed jintalab ihallas hafna aktar ghal prodott illi seta jinxtara ferm anqas gewwa l-Grecja.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif stqarret il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud** fit-23 ta' Marzu, 2009,

*"f'kawzi bhal prezenti, u cioe f'kawza ta' libell, hemm bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt f'socjeta' demokratika li wiehed jghid u jesprimi ruhu u jsemmi l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta' kull cittadin li jgawdi reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta' socjeta demokratika."*

Il-Qorti tal-Appell, imbghad, fl-istess kawza deciza fit-3 ta' Frar, 2012 ziedet tghid li

*"gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta' demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat."*

Kif qalet il-Qorti Ewropea fil-kawza **Fresos & Roire vs France**

*"the press plays an important role in a democratic society, although it must not overstep certain bounds, in particular in respect of reputation and rights of others. People exercising freedom of expression including journalists undertake duties and responsibilities."*

Dana gie anke ri-affermat mill-Qorti Maltij meta, fil-kawza **Caruana v. Mifsud**, deciza fl-24 ta' Settembru 2004, intqal:

*"Il-liberta` ta' espressjoni m'hijiex xi licenzja li wiehed ighid li jrid minghajr kontroll. Id-dritt invokat mill-appellant huwa suggett ghal certu kundizzjonijiet. Hekk per ezempju, fil-kaz Bladet Tromso and Stensaas v. Norway (20 ta' Mejju 1999) il-Qorti Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk:*

*"Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the article the exercise of this freedom carries with it "duties and "responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume*

*significance when, as in the present case, there is a question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others"...by reason of "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism." (para 65)*

Illi, dwar id-difiza ta' 'fair comment', kif jinghad f'**Gatley on Libel and Slander** :

*To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Huwa fatt illi d-"difiza" tal-"fair comment" dejjem kienet intiza sabiex tissalvagwardja dritt li hu importanti daqs dak li individwu jipprotegi r-reputazzjoni tajba tieghu, u cioe` id-dritt tal- espressjoni hielsa.

Kif inghad minn Lord Justice Scott fil- kawza **Lyon v. Daily Telegraph**:

*The right of fair comment is one of the fundamental rights of free speech and writing which are so dear to the British nation, and it is of vital importance to the rule of law on which we depend for our personal freedom.*

**Ikkunsidrat**

Illi, fil-kaz odjern, jidher car illi l-istorja giet investigata mill-gurnalist Owen Galea fir-reqqa, u dana jirrizulta mid-dokumentazzjoni vasta u mharrga illi l-istess Galea esebixa lill dina l-Qorti waqt ix-xhieda tieghu.

Jidher car ukoll illi l-kontenut tal-artikolu kollu jirriproduci fedelement dik l-informazzjoni kollha illi Galea kien gabar u jwassal lill qarrejja ghal konkluzjonijiet taghhom abbazi ta' tali informazzjoni.

Illi, mill-provi prodotti, jidher ukoll illi r-rikorrent kien ghazel, fuq web site ta' '*Running Commentary*', biex jiddeskrivi lilu nniffsu bhala nazzjonalist kbir peress illi, skond hu, huwa nazzjonalist minn missier missieru kif ukoll involut fil-Partit Nazzjonalista u kellu kull dritt li jikkummenta dwar it-telfa tal-Partit Nazzjonalista fil-1996.

Illi jirrizulta ukoll illi s-socjeta Alpha Farma inghatat it-tender tal-medicini meritu tal-kaz odjern peress illi kellha l-ohros offerta, filwaqt illi rrizulta wkoll illi kien hemm offerti ferm oghla, kif ammess anke mir-rikorrent stess.

Illi jirrizulta wkoll illi tali tender inghata fl-istess periodu illi s-socjeta Alpha Farma Limited kienet allegatament qieghda tikkommetti reati kriminali billi tiffalsifika, tbiddel u timmanifuattura medicini hawn Malta b'mod illegali.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-fatti kollha kif fuq prodotti, jidher car illi Owen Galea ghamel '*value judgment*' ta' dawna il-fatti kollha, kif kellu kull dritt illi jaghmel, u wasal ghal konkluzjonijiet illi certament kienu ta' interess pubbliku.

Jirrizulta ukoll illi dan kollu imsemmi fl-artikolu kien minnu u, ghalhekk, Galea kellu kull dritt illi jasal ghal konkluzjonijiet milhuqa fl-artikolu, liema artikolu certament

jikkostitwixxi '*fair comment*' dwar kwistjoni illi ghandha importanza kbira ghac-cittadin Malti - is-sahha!

Ghalhekk, il-Qorti ma tarax kif jista l-artikolu meritu tal-kawza odjerna jigi kkunsidrat b'xi mod, bhala malafamanti jew libelluz fil-konfront la ta' Mario Debono u wisq anqas tas-socjeta tieghu Alpha Farma Limited.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti, ghalhekk

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u d-dokumentazzjoni ppresentata

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

Tilqa l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat u

Tichad t-talba attrici.

Spejjez tal-proceduri jkunu kollha a kariku ta-rikorrent Mario Debono.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------